

Brussell, 6 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

16563/1/25  
REV 1  
PV CONS 67  
RELEX 1646  
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Affarijiet Barranin)  
20 ta' Novembru 2025

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15435/25.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**a) Lista mhux leġislattiva** 15436/25

Il-Kunsill adotta l-punti A kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**Attivitajiet mhux leġislattivi**

**3. Ġrajjet kurrenti**

**4. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna<sup>1\*</sup>**  
*Skambju ta' fehmiet*

**5. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani**  
*Skambju ta' fehmiet*

**6. Is-Sudan**  
*Skambju ta' fehmiet*

**7. Is-Saħel**  
*Skambju ta' fehmiet*

**8. Affarijiet oħra**

- |  |                  |
|--|------------------|
| a) Forum Reġjonali tal-Unjoni għall-Mediterran 2025<br><i>Informazzjoni minn Spanja</i>                          | 15290/25         |
| b) Attakki ibridi Belarussi kontra l-Litwanja<br><i>Informazzjoni mil-Litwanja</i>                               | 15390/25         |
| c) Ċipep u kontrolli tal-esportazzjoni<br><i>Informazzjoni min-Netherlands</i>                                   | 15529/25         |
| d) Il-ħolqien ta' reġim ta' sanzjonijiet kontra l-kriminalità<br>organizzata<br><i>Informazzjoni minn Franza</i> | 15469/25 + COR 1 |

---

<sup>1</sup> Fil-preżenza tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna

\* Kull apparat elettroniku tħalla barra s-sala.

**Dikjarazzjonijiet għall-punt "A" mhux leġiżlattiv li jinsab fid-dok. 15436/25**

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 17:**

**Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji**

*Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL**

"L-Unjoni Ewropea tilqa' l-istabbiliment ta' qafas għall-assistenza reċiproka fl-irkupru tat-talbiet tal-VAT bejn l-Istati Membri u l-Iżvizzera. Dan huwa pass importanti fit-tkomplija u l-appfondiment tal-kooperazzjoni amministrattiva li ilha teżisti bejn il-partijiet fil-qasam tat-tassazzjoni. L-Unjoni Ewropea tistenna li l-Iżvizzera tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa in bona fede biex tiżgura li dan il-ftehim jiġi estiż biex ikopri l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet oħra tat-taxxa. Jekk dan l-oġettiv ma jintlaħaqx fi żmien erba' snin mill-1 ta' Jannar wara l-iffirmar ta' dan il-protokoll emendatorju, l-Unjoni Ewropea ser tikkunsidra mill-ġdid il-bilanċ ġenerali ta' dan il-ftehim."

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-assistenza reċiproka fl-irkupru tat-talbiet tal-VAT huwa kisba importanti u kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva eżistenti bejn il-partijiet fil-qasam tat-tassazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea tilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni tal-Kunsill u hija impenjata li tiegħu azzjoni ulterjuri biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni mal-Iżvizzera, sabiex tkopri l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet oħra tat-taxxa."